# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## BĦALA QORTI TA` ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jennifer Zammit**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Jennifer Zammit**, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 418990M fejn ġiet mixlija talli nhar fil-perjodu bejn it-18 u l-24 ta' Diċembru 2014:

(1) Ikkommettiet serq ta' ġojjellerija minn residenza 40, Triq il-Kbira, Mosta għad-detriment ta' Angele Rapa ID 424572M liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok li jammonta għal aktar minn €2329.37;

(2) Xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

(3) Malli saret taf li l-ħaġa li kienet fil-pussess tagħha kienet misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt.

Rat li matul is-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu, fejn inter alia huwa tenna wkoll li t-tieni imputazzjoni ġiet kontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni filwaqt li t-tielet imputazzjoni kellha tiġi ritenuta kompriża u involuta fit-tieni imputazzjoni għall-fini ta' piena.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-Avukat dott. Keith Borg tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibha ħatja u tikkonudannaha għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtha ftit taż-żmien sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura minnha, semgħet lill-imputata ittenni li hija ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputata ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha skont kif speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputata;

Il-Qorti matul l-istess seduta semgħet lill-vitma f'dan il-każ, Angele Rapa li ddikjarat li l-imputata kienet ammettiet magħha li kienet serqitilha xi ġojjellerija biex ikollha flus biżżejjed biex tagħti x'tiekol lit-tifla tagħha. L-imputata qaltilha wkoll li wħud mill-biċċiet ta' ġojjellerija kienet laħqet biegħhithom mentri biċċiet oħra irritornathom lura lil Rapa.

Rat ukoll li l-vitma u l-imputata qablu li l-ammont li għad fadal jiġi riżarċit kien qiegħed jiġi maqbul fl-ammont ta' tliet elef euro, liema ammont ta' flus l-imputata kienet lesta li tħallas lura, għalkemm kienet teħtieġ żmien għal dan il-ħlas.

Rat li matul l-istess seduta, l-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-27 t'Awissu 2015 il-Probation Officer Charisse Boffa ippreżentat ir-relazzjoni tagħha fejn irrakkomandat li l-imputata titqieqħed taħt ordni ta' superviżjoni u servizz fil-Komunita'.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti tifhem li l-imputata raddet lura parti żgħira mir-*res furtiva* u qegħda tobbliga ruħha li tirriżarċixxi lura lid-derubata l-ammont ta' tliet elef euro fuq medda ta' żmien. U dan huwa fattur pożittiv. Pero l-istess Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputata **tradiet il-fiduċja** ta' dawk li kienu jtuha x-xogħol li minnu kienet tista taqla' l-ħobża ta' kuljum tagħha b'mod onest.

Mill-banda l-oħra meta l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputata li hija netta, kif ukoll l-ammissjoni birkija tagħha, il-koperazzjoni tagħha mal-Pulizija u mad-derubati, nonche r-rieda tagħha

li tagħmel xogħol fil-komunita u f'dan l-isfond il-Qorti tqis verament li f'dan il-każ piena karċerarja ma tkunx dik idoneja.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata għandha tpatti għal egħmilha billi trodd lura xi ħaġa lis-soċjeta' li hija offendiet bir-reati kommessi minnha billi tirrendi ruħha soċjalment utli u tagħmel għadd ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma titħallas tiegħu filwaqt li titqiegħed taħt ordni ta' superviżjoni.

***<u>DECIDE</u>***

Li ssib lil Jennifer Zammit ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba konrta tagħha b'dan li t-tieni imputazzjoni ġiet kontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni filwaqt li t-tielet imputazzjoni kellha tiġi ritenuta kompriża u involuta fit-tieni imputazzjoni għall-fini ta' piena u wara li rat l-Artikoli 17, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputata, il-fatt li hija kkoperat mal-pulizija kif ukoll ammettiet ħtijietha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-vitma li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħatja titqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, nonche ordni ta' ħlas ta' danni l-Artikolu 24 tal-istess

Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikoli 2, 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja Jennifer Zammit taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi:-

(a) tpoggi lill-ħatja taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Jennifer Zammit titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqiegħed lill-istess Jennifer Zammit taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li tagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Jennifer Zammit bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-

konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.  Il-ħatja tiddikjara li taqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Jennifer Zammit.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lil ħatja sabiex tħallas lil Angele Rapa li għandha n-numru tal-karta tal-identita 424572(M) is-somma ta' tliet elef euro (€3000) rappreżentanti d-danni sofferti minħabba s-serq hawn fuq ammess mill-ħatja b'dan li dan l-ammont għandu jitħallas permezz ta' pagamenti suċċessivi u ininterrotti ta' tliet mitt euro (€300) fix-xahar bl-ewwel ammont ta' tliet mitt euro għandu jitħallas fi żmien ħmistax il-jum mill-lum u l-kumplament tar-rati mensili għandhom jitħalsu mhux aktar tard mis-sittax il-jum ta' kull xahar – b'dan li jekk il-ħatja tonqos milli tħallas rata waħda mensili hija titlef il-benefiċċju taż-żmien konċess lilha u l-bilanċ rimanenti jsir dovut

li jitħallas immedjatament u mingħajr ebda dilazzjoni oħra, u dan mingħajr preġudizzju għall-dak imsemmi fl-ordni tal-probation hawn imsemmija.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

Mogħtija illum is-sittax jum mix-xahar ta' Settembru 2015 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

***Aaron M. Bugeja.***